



# *Barrin jinqatlu minn ferrovija ġewwa Santa Venera*

*kitba ta' Carmel Bonnici*

Il-Ferrovija jew il-Vapur tal-Art kellha l-bidu tagħha fl-1870 meta J. Scott Tucker issuġerixxa Ferrovija għal Malta. Malta kienet waħda mill-aħħar postijiet fl-Ewropa li kellha dan is-servizz. Ġiet iffurmata kumpanija privata, Malta Railway Company, li bniet u ħaddmet il-ferrovija. Is-servizz ġie inawgurat fit-28 ta' Frar 1883 u kienet tibda mill-Belt u tasal sa taħt ir-Rabat (Notabile). Fl-1890 il-kumpanija falliet u l-Gvern ħa l-ferrovija taħt idejh, wara intervent miċ-Chief Secretary tal-Gvern Gerald Strickland. Wara li s-servizz ġie modernizzat, il-ferrovija reġgħet bdiet taħdem fit-2 ta' Jannar 1893 u baqgħet taħdem sal-bidu tal-1931. Wara kompetizzjoni ħarxa mit-tramm u l-karozzi, il-ferrovija spiċċat fix-xejn.

Fl-1923 Santa Venera kien raħal żgħir li kellu popolazzjoni baxxa, bin-nies imferrxin mar-raħal, b'numru minnhom bdiewa u raħħala jrabbu l-baqar. Misraħ il-Barrieri ilu msemmi ma' Malta għat-trobbija tal-baqar u barrin.



Nhar il-Hadd 22 ta' Lulju 1923 Riccardo Meilaq, li kien impjegat mal-Kumpanija tal-Ferrovija, kien xogħol fil-Kamra tal-Gwardjan numru 4 f'Santa Venera, fuq il-linja li minnha kienet tgħaddi l-ferrovija ġejja minn taħt l-Imtarfa sal-Belt jew lura. Parti minn xogħlu

*ikompli f'paġna 30*



kien li jiftaħ jew jagħlaq il-katina biex jgħaddu karozzi jew bhejjem li jkunu jridu jaqsmu l-linja tal-ferrovija. Matul din il-ġurnata Riccardo kien xi ftit imħabbat iżjed mis-soltu, bit-traffiku jaqsam spiss biex imur lejn l-Imsida għall-festa ta' San Ġużepp.

Iżjed kmieni dakinhar 136 barri li ġew impurtati minn ċertu Karmenu Chetcuti, magħruf bħala *Ix-Xieref* minn Ħal Qormi, tniżżlu ġewwa l-Marsa. Karmenu bil-għajnuna ta' xi nies, ried jieħu dawn il-barrin mill-Marsa sa Misraħ il-Barrieri qrib Santa Venera. Meta l-barrin waslu fit-8 ta' filgħaxija biex jaqsmu l-linja tal-ferrovija, wieħed li kien ma' Karmenu staqsa lill-impjegat tal-ferrovija Riccardo jekk kienx hemm xi ferrovija ġejja fil-qrib, billi merħla ta' 136 barri tieħu ftit tal-ħin mhux ħażin biex taqsam il-linja. Il-ferrovija li kien imiss tiġi kienet telqet fis-7.55 pm mill-Istazzjon Museum taħt l-Imtarfa, u kienet mistennija li tgħaddi minn hemm fi ftit minuti oħra.

Il-barrin bdew jagħfsu fuq il-katina u rnexxilhom jibdew jaqsmu l-linja tal-ferrovija, b'Riccardo u n-nies li kienu magħhom ma jistgħu jagħmlu xejn biex iżommuhom. Riccardo għamel żball għax il-proċedura normali kienet li jixgħel bozza ħamra biex jindika l-periklu. Qrib it-8.15pm waslet il-ferrovija li baqgħet dieħla bis-saħħa fuq il-barrin. Is-sewwieq u l-*istoker* (fajerman) ħadu qatgħa kbira mal-ħoss tal-ħabta. Għall-ewwel ħasbu li kaxkru xi karozza bin-nies ġo fiha ġejjin lura mill-festa tal-Imsida.

Il-ferrovija għaddiet min-nofs il-merħla barrin, qabżet il-linja u waqfet ftit passi wara. Il-passiġġieri maħsudin, niżlu mill-vaguni u tħalltu mal-iġsma ta' barrin mejta jew feruti gravi. L-aħbar waslet fl-



Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun, u pulizija ntbagħtu fuq il-post. Ġew imsejħa Karmenu Degiorgio, fitter tal-ferrovija u Alex Macfarlane, tabib veterinarju biex jagħtu l-għajnuna. 32 barri spiċċaw mejta mad-daqqa, 2 oħra tant kienu feruti gravi li ġew imneħħija fil-post. Dawn l-34 barri ġew meħuda fil-biċċerija u l-kumplament f'razzett fil-qrib, magħruf bħala *Tal-Madonna.*

B'xorti tajba ħadd min-nies ma weġġa', imma s-sewwieq tal-ferrovija ma setax isuq bil-qatgħa kbira li kellu fuqu wara li l-ferrovija tpoġġiet lura f'postha fuq il-linji fis-siegħa u tliet kwarti ta' filgħodu. Sewwieq ieħor saq il-ferrovija sal-Istazzjon tal-Ħamrun sabiex tiġi eżaminata u msewwija fil-ħanut tax-xogħol.

L-għada sid il-barrin u n-nies li kellu miegħu tressqu l-qorti akkużati li ħallew il-barrin għal riħhom u ma kkontrollawhomx sew. Qtil ta' daqshekk annimali f'aċċident qatt ma kien seħħ bħalu f'Malta, imma fil-gazzetti ta' dak iż-żmien bilkemm issemma.

*Artiklu meħud mill-ktieb "The Malta Railway" ta' Joseph Bonnici u Michael Cassar (1988)*

